MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1063/1990/1

**L-Avukat Dottor Victor Borg Grech ghan-nom u in rappresentanza tal-kumpannija Corefloor Limited u b'nota tat-13 ta' Frar, 1995 Dr. Thomas Abela assuma l-atti tal-kawza ghan-nom ta' Corefloor Limited**

**Vs**

**John Debono u b'digriet tad-9 ta' Ottubru, 1991, gie kjamat in kawza John Cilia.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-kumpanija attrici forniet lill-konvenut bi kwantita' ta' *"Corefloor Slabs",* bil-prezz ta' erbghat elef u sebgha u

erbghin lira Maltin (Lm4,047), skond invoices numri 2234 u 2262, dokument A u B rispettivament.

Premess li l-konvenut ghamel pagament akkont ammontanti ghal elfejn lira Maltija (Lm2,000), u ghalhekk il-konvenut ghad baqghalu jaghti elfejn u sebgha u erbghin lira (Lm2,047) bilanc ta’ l-imsemmija invoices.

Premess li l-konvenut ma hallas xejn aktar ghalkemm interpellat biex ihallas b’ittra ufficjali tat-13 ta’ Awissu, 1990.

Ghaldaqstant il-kumpannija attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. Tikkundannah ihallas lill-attur nomine is-somma ta’ elfejn u sebgha u erbghin lira Maltija (Lm2,047) bilanc fuq invoices numri 2234 u 2262, prezz ta’ *Corefloor Slabs*, kif intqal fuq.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta’ Awissu, 1990, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni, u bl-imghax tat-tmienja fil-mija fis-sena sal-jum tal-effettiv pagament.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 10 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok l-kwantita’ ta’ “Corefloor Slabs” di piu ta’ ammont hafna inqas min dak rikjest fic-citazzjoni attrici ma gewx ordnati mill-konvenuti izda mill-konvenut u iehor John Cilia li ghamel l-ordni flimkien mal-konvenut, u ghalhekk l-istess John Cilia biha ghandhu jigi kkjamat fil-kawza, stante li kif inhi imposta c-citazzjoni l-gudizzju mhux integru.

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghal premess, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont rikjest huwa ghall kollox esagerat u sar hlas tal-konsenji li saru ta’ “Corefloor Slabs”

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall premess, l-attur nomine huwa wkoll responsabbli ghald-danni li gew ikkawzati wkoll lill-konvenut u lill-istess John Cilia, stante li l-ordni kellha tkun lesta f'Dicembru tal-!988, mentri fil-fatt il-Corefloor Slabs gew ikkonsenjati biss f'Dicembru 1989, b'danni sostanzjali sofferti mill-konvenut ukoll.

4. Illi fil-fatt tali danni jikkonsistu fi prezz ghola tal-prezzijiet tal-bini li kellhom jithallsu minhabba l-istess dewmien esagerat fil-konsenja, wara li kienu intrabtu li jikkonsenjaw kollox sal-ahhar ta' Dicembru 1988, u ukoll prezzijiet ohra ghola konnessi mal-istess kostruzzjoni li kellhom jigu mhallsa minhabba tali dewmien.

5. Illi in konnessjoni mal-istess gia bdew l-interpellazzjonijiet rikjesti u dan stante li kif inhi intavolata ic-citazzjoni ma setghax issir kontro-talba ai termini tal-ligi, pero' s-socjeta' attrici giet interpellata ufficjalment.

6. Illi insosten tal-premess jinghad li l-konvenut qatt ma rcieva l-invoices indikati fic-citazzjoni, u di piu ma saru ebda eccezzjonijiet ghall-ammont illum allegatament dovut.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet a fol. 18 li bih gie nominat Dr. P. Sciberras bhala perit legali;

Rat id-digriet a fol. 19 li bih gie imsejjah fil-kawza John Cilia;

Rat li l-imsejjah fil-kawza baqa' kontumaci;

Rat in-noti a fol. 30 u 33;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi mill-provi prodotti t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement pruvata.

Il-konvenut naqas li jgib provi. L-imsejjah fil-kawza baqa' kontumaci.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddecidi
prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut
tilqa' t-talba attrici
bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut u
bl-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------